# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 13**
**Rikors Guramentat Numru : 54/2017/LSO**

**Lucien Carmen sive Carmel Muscat (Passaport Brittanniku Numru 508047449)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Lucien Carmel Muscat (Passaport Brittanniku Numru 508047449) datat 17 ta’ Jannar 2014 fejn espona: -

Illi l-esponenti twieled nhar is-17 ta' Mejju 1962, fl-isptar St Helier, Carshalton fir-Renju Unit. Dan jirrizulta mill-att ta' twelid originali mahrug mill-ufficcju tar-Registru Generali ta' *Surry North Eastern* anness u immarkat (Dok. "A");

Illi fuq l-Att tat-Twelid originali, l-esponent inghata l-isem ta' *Lucien Carmel Muscat* bhala isem u l-kunjom li bih kellu jissejjah, izda l-ortografija fuq l-Att ta' twelid originali mhux cara, kif jirrizulta mid-dokument anness u immarkat (DOK. "A").

Illi sussegwentement kif jirrizulta mil-att ta' twelid mahrug mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku anness u immarkat (DOK. "B") isem l-esponenti gie mmarkat bhala *Lucien Carmen Muscat* dan meta l-isem korrett tieghu huwa *Lucien Carmel Muscat* anke ghaliex *Carmen* huwa isem femminili u mhux maskili.

Illi din l-kwistjoni giet ratifikata u ccarata mill-istess ufficcju tar-Registru Generali ta' *Surrey North Eastern,* fejn fid-29 ta' Dicembru 2015 gie iccarat li l-isem tal-esponenti huwa *Lucien Carmel Muscat* u mhux *Lucien Carmen Muscat* kif originalment indikat zbaljatament, dan kollu jirrizulta mill-anness (DOK. "C").

Illi l-esponenti ilu hajtu kollha juza l-isem u kunjom ta' *Lucien Carmel Muscat,* bhala l-isem li bih jigi msejjah u hu maghruf u ilu konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem *Lucien Carmel Muscat* anke mill-familja tieghu u kif ukoll minn qraba, hbieb u konoxxenzi tieghu.

Illi dan huwa korroborat mic-certifikat tal-maghmudija tal-esponenti fejn l-isem tieghu huwa indikat bhala *"Lucien Carmel Muscat"* anness u mmarkat (Dok. "D") u jirrizulta ampjament ukoll mic-certifikat ta' cittadinanza Maltija anness u mmarkat (Dok. "E").

Illi l-esponenti ghandu interess illi l-Att tat-Twelid tieghu jkun jirrifletti l-isem u kunjom li hu u l-familja tieghu konsistentement juzaw bhala l-isem u kunjom li bih jissejjah u hu maghruf, cioe' *Lucien Carmel Muscat* minflok l-isem *Lucien Carmen Muscat* li jidher fl-Att tat-Twelid tieghu;

Illi ghalhekk l-esponenti jrid li l-isem *Carmen* jigi kkancellat minn fuq l-Att tat-Twelid u jiddahhal minflok l-isem *Carmel* u minflok jigi jidher bl-isem u kunjom *Lucien Carmel Muscat;*

Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha maghrufa lill-esponenti personalment.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi jghid l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti huwa konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem *Lucien Carmel Muscat* u mhux bl-isem *Lucien Carmen Muscat Bartolo (recte:Lucien Carmen Muscat)*[1]*;*

2. Tordna ghalhekk li l-isem u kunjom *Lucien Carmel Muscat* jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid tal-esponenti mahrug mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, minflok l-isem u kunjom *Lucien Carmen Muscat* b'dana li l-imsemmi Att jigi emendat fis-sens li l-isem u l-kunjom tal-esponenti ghandhom jaqraw *Lucien Carmel Muscat.*

3. Taghti kull provvediment iehor opportun u necessarju sabiex issir ir-registrazzjoni u konsegwenti emenda fl-Att tat-Twelid tal-esponenti a tenur tat-tieni talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registratur Pubbliku, minn issa imsejjah ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Frar 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 16 ta' Frar 2017 (fol 24) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

[1] Jidher li l-kunjom "Bartolo" iddahhal bi zball billi ma jirrizultax imnizzel fic-certifikat imsemmi.

1. Illi in linea preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Illi bla hsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-intergrita` tal-gudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni **tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li huwa ghandu jidher bhala ***"Lucien Carmen" u mhux "Lucien Carmel"*** *stante* li l-isem *'Lucien Carmel'* ma jappartjenix lilu skont kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu bin-numru tal-iskrizzjoni 2995 tas-sena 2015;

3. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att ta' Twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2995 tas-sena 2015, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

4. Illi bla pregudizzju jintqal illi r-registrazzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv 2995 tas-sena 2015 saret skont l-Artikolu 244 tal-Kodici Civili. Illi dan l-artikolu jipprovdi illi d-dettalji tal-att esteru ghandu jigi registrat hekk kif jinsabu fuq l-att esteru;

5. Illi bla hsara ghal premess jintqal illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku rregistra l-informazzjoni hekk kif prezentata fuq l-att esteru, kopja annessa mar-rikors promotur bhala Dok A. Illi tali dokument carament jindika illi

l-isem huwa "Lucien Carmen" bl-ahhar ittra 'n' u mhux "Lucien Carmel";

6. Illi jirrizulta car minn Dok C prezentat mal-atti tar-rikors promotur illi t-tibdil minn Lucien Carmen ghal Lucien Carmel sar **wara** r-registrazzjoni skont Artikolu 244 tal-Kodici Civili;

7. Illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kif esposti fir-rikors guramentat u ghaldaqstant fir-rigward il-mertu jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

8. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Frar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Cuschieri ghad-Direttur Intimat. Ir-rikorrent u Dr Massimo Vella msejha tliet darbiet ma dehrux. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher ukoll Dr Massimo Vella. Il-Qorti fuq talba ta' Dr Vella ordnat korrezzjoni tal-okkju fis-sens li l-isem tar-rikorrent, ghandu jitnizzel bhala "Lucien Carmen

sive Carmel". It-talba ma kinetx opposta. Il-Qorti laqghet it-talba u l-intimat ghadda ruhu b'notifikat bir-rikors kif korrett.

Id-difensuri tal-partijiet ddikjaraw li m'ghandhomx provi u l-intimat irrimetti ruhu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Marzu 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-23 ta' Jannar 2017 (fol 22-23) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrenti, awtorizzata b'digiret tat-23 ta' Frar 2017, u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrent qed jitlob li ismu kif registrat fl-att tat twelid jigi korrett, billi jitnizzel l-isem "Lucien Carmel Muscat" minflok "Lucien Carmen Muscat".

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kaz.

Jirrizulta li r-rikorrent twieled fl-Ingilterra fis-17 ta’ Mejju 1962, fejn fic-certifikat tat-twelid fl-Ingilterra, **Dok A** (fol 5) gie mnizzel bhala “Lucien Carmen” minflok “Lucien Carmel”. In segwitu, meta fl-att tat-twelid mahrug mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, **Dok B** (fol 6), dan inhareg, hekk kif imnizzel fl-att esteru, hekk kif provdut fl-artikolu 244 tal-Kodici Civili.

Illi r-rikorrenti sostna li sar zball fl-isem fl-att tat-twelid meta saret ir-registrazzjoni, liema zball gie ampjament ppruvat u gie anke korrett fl-Ingilterra (DOK C).

Il-Qorti jidrilha li t-talba hija gustifikata. Izda taqbel li l-intmat m'ghandux jigi addebitat l-ispejjez billi r-registrazzjoni originali kienet saret fl-Ingilterra bil-mod fuq spjegat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent huwa konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem “Lucien Carmel Muscat” u mhux “Lucien Carmen Muscat”.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li fl-att tat-twelid numru 2995 tas-sena 2015, l-isem "Lucien Carmen Muscat" jigi sostitwit bl-isem "Lucien Carmel Muscat".

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, issir il-korrezzjoni ordnata.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**09 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**09 ta' Marzu 2017**